MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1499/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta’ AXA Insurance Plc, kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Vincent Carbonaro u l-istess Vincent Carbonaro f’ismu proprju u b’digriet tal-14 ta’ Mejju 2004 Atlas Insurance Limited giet awtorizzata tassumi l-atti minflok Atlas Insurance Agency Limited**

**vs**

**Loren Grixti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Lulju 2003 fejn gie mitluib li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u seba’ liri Maltin (Lm207.00) rapprezentanti danni mhallsa mill-attur nomine fuq il-vettura numru GAC 186 assikurata taht polza

*comprehensive* hlief ghal Lm25.00 *Excess,* u ghall-liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijet ta' Vincent Carbonaro u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-13 ta' Settembru 2002, gol-Hamrun, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru IAO 406 huwa habat mal-vettura GAC 186 misjuqa minn Patricia Carbonaro, ghall-liema ncident huwa kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-14 ta' Novembru 2002 u tas-17 ta' Jannar 2003 u bl-imghax tat-8% fuq Lm207.00 mill-14 ta' Novembeu 2002 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali prezentata konteswalment mal-Avviz u rikjesta mill-ligi kontra Elmo Insurance Agency Limited, l-assikuraturi tal-konvenut, inkluzi Lm15 konsult u Lm24.50 konsistenti Lm8.50 ghall-prezentata tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar 2003, Lm6 ghal zewg notifiki ghall-istess ittra, Lm5 ghall-prezentata tar-rikors ghan-notiifika tal-ittra wara l-hin legali u Lm5 ghall-affissjoni tal-istess ittra, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda gara htija ta' Patricia Carbonaro li kienet qed issuq il-vettura numru GAC 186.

2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igiibu l-prova tad-danni.

3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda ta' Patricia Carbonaro, Vincent Carbonaro, PS 630 Carmel Micallef u tal-konvenut Loren Grixti.

Ra d-digtiet tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn intlaqghet it-talba tal-atturi ghall-korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fejn l-ammont mitlub kellu jaqra Lm228.00 minflok Lm207.00.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tan-nota ta’ referenzi prezentata mill-avukat difensur tal-konvenut u tan-nota risponsiva prezentata mill-avukat difensur tal-atturi.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta’ Settembru 2002 fi Triq San Guzepp, il-Hamrun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAC186 misjuqa minn Patricia Carbonaro u propjeta’ tal-attur Vincent Carbonaro, liema vettura kienet assikurata taht polza tat-tip comprehensive mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-nurmu tar-registrazzjoni IAO 4406 misjuqa mill-konvenut Loren Grixti.

Patricia Carbonaro xehdet li fid-data tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq San Guzepp, il-Hamrun gejja mid-direzzjoni ta’ Santa Venera u sejra lejn il-Hamrun. Hija riedet iddur lejn ix-xellug taghha sabiex tidhol fi Triq l-Annunzjata,, xeghlet l-indicator, harset mill-mera tan-nofs u rat il-vettura tal-konvenut xi tul ta' erba' vetturi l-boghod minnha, bidet iddur u malli l-parti ta’ quddiem tal-vettura taghha kienet diga’ dahlet f’Announciation Street,, semghat brejk u l-vettura tal-konvenut laqtitha fil-mudguard ta’ wara man-naha tax-xellug. Hija tghid li malli nizlet mill-vettura is-sewwieq l-iehor qalilha li ma kienx ra ghaliex kien alljenat. Carbonaro qalet ukoll li hija xeghlet l-*indicator* meta kienet tul ta’ madwar tlett vetturi l-boghod mill-kantuniera.

Il-konvenut xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq San Guzepp, il-Hamrun gej mid-direzzjoni ta’ Santa Venera. Madwar tul ta’ zewg vetturi quddiemu kien hemm il-vettura ta’ Carbonaro. Huwa jghid li ra lil din il-vettura ddur quddiemu u tikser lejn il-lemin u peress li ma kellhiex *indicator* mixghul huwa hasibha ser tipparkja. Huwa

ghalhekk baqa' jipprocedi ghad-dritt izda meta kien kwazi wasal fl-inkrocju ma Triq Annunzjata il-vettura ta' Carbonaro kisret lejn ix-xellug sabiex iddur lejn l-imsemmija triq.

Dan it-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni moghtija minn Patricia Carbonaro dwar kif sehh l-incident 'de quo' hija ferm aktar veroximili. Dan jinghad ghaliex jekk wiehed jara l-verzjoni li ta l-konvenut 'a tempo vergine', hekk kif riportata fir-Road Accident Report jigi nnutat li huwa ma sema' xejn dwar il-manuvra ta'' Carbonaro fis-sens li hija l-ewwel kisret lejn il-lemin u mbaghad fl-ahhar rminuta kisret lejn ix-xellug biex b'hekk imblukkatlu l-karreggjata, kif invece qal meta xehed quddiem dan it-Tribunal. Fir-*Road Accident Report* fil-fatt insibu li l-konvenut qal hekk *"was proceeing along High Road, Hamrun from the direction of Santa Venera behind car number IAO 406 (trid tigi GAC186) and as said vehicle turned toward Triq il-Lunzjata he braked but to no avail as they collided*". It-Tribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut 'a tempo vergine' ghaliex jidhrilu li hafna drabi din tkun tirrifletti dak li effettivament ikun gara. Wara is-sewwieq ikollu cans jipperfezzjona jeew jimmodifika l-verzjoni tieghu kif l-aktar jaqbillu mentri 'a tempo vergine' generalment jinghad dak li verament ikun gara. It-Tribunal ma jidhirlux li Carbonaro effetwat *'right hand turn'* u ghalhekk jirritjeni li l-gurisprudenza citata mill-abbli difensur tal-konvenut m'hijex appliakbbli ghal dan il-kaz.

Fil-fehma ta-Tribunal l-incident de quo sehh ghaliex il-konvenut ma zammx *a proper lookout* ghal dak li kien qed jigri quddiemu u ma ndunax li l-vettura ta' quddiemu kienet xeghlet l-*incicator* u kienet intenzjonata li ddur lejn ix-xellug. Patricia Carbonarao min-naha l-ohra tidher li ghamlet dak kollu rikjest minn sewwieq prudenti li jrid jeffetwa *left hand turn* u cioe' hija xeghlet l-*indicator* minn distanza adegwata u vverifikat li l-vettura ta' warajha kienet bizzejjed il-boghod minnha sabiex tinduna bl-*indicator* mixghul u bl-intenzjoni taghha li tikser lejn ix-xellug. Jinghad ukoll li l-hsarat fiz-zewg vetturi huma perfettament kompatibbli mal-verzjoni moghtija minn Carbonaro.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident aawtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Settembru 2002.

Il-quantum tad-danni reklamat mill-attur bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti kollha relattivi in sostenn tat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mirejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm228.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ipsejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk dawk tal-ittri ufficjali tal-14 ta' Novembru 2002 u tas-17 ta' Jannar 2003, dawk tal-ittra ufficjali prezentata konteswallment mal-Avviz u rikjedta mill-ligi kontra Elmo Insurance Agency Limited, l-assikuraturi tal-konvenut u Lm24.50 bhala l-ispejejs inkorsi mill-atturi sabiex tigi notifikata l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------